**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 8100/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Adrian Lia Psaila**

**Illum 29 ta April 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Adrian Lia Psaila** detenur tal-karta tal-identita Maltija **274174M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xhur ta' bejn Jannar, Frar, Marzu, April u Mejju tas-sena 2023 fil-gzejjer Maltin:

1. Naqas li jagħti lil Claire Perry u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata f'kuntratt bhala manteniment għaliha u/jew uliedha u dana fi żmien hmistax (15)-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-9 ta' Dicembru,2024, ghaddiet in gudikat lill-appellant u sabitu hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu għal piena ta' xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Adrian Lia Psaila preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' Dicembru 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. Stante n-nullita' tas-sentenza appellata, ossia fid-dawl tal-aggravju 'A', thassar l-istess u tirrimanda l-atti lura quddiem il-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-beneficcju tad-doppio esame;

2. Subordinament u mingħajr pregudizzju għall-ewwel talba, f'każ li dina 1-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, tgħaddi sabiex tikkalibra l-piena kominata għal wahda iktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

**Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;**

**B.1. II-Mezzi Finanzjarji tal-Appellant**

Fl-ewwel lok u ghall-evitar ta' kwalsiasi malintiż, l-appellant huwa konxju mill-fatt li fuq skorta ta' gurisprudenza kopjuza in materja, tibdil fil-mezzi finanzjarji ta' min huwa obbligat ihallas il-manteniment ma tiggustifikax in-nuqqas tiegħu li jonora tali obbligu. Di fatti, bl-ebda mod l-appellant ma qiegħed iqajjem id-difiża ta' ad impossibilia nemo tenetur iżda sejjer biss iġib a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti numru ta' fatturi li fl-umli fehma tiegħu għandhom jimmilitaw favur il- kominar ta' piena iktar miti.

In primis, l-appellant jagħmel aċċenn għal dak ritenut mill-Qorti tal- Appell Kriminali[1] fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. John Debono'** deċiża nhar is-27 ta' April 2012, fejn inghad illi:

> "*il-fatt li persuna tisfa bla xogħol ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Čivili Ir-rimedju li għandu u li kellu jieħu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utli lill-Qorti Ċivili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni tal-manteniment.*" [sottolinejar tal- appellant]

L-appellant ma hux qed jikkontesta' li l-pagamenti mertu tal- imputazzjoni de quo ma sarx. Xejn affattu. Jingħad pero' li fiż-żmien li huwa ntrabat, tramite d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li jhallas ir-retta alimentari de quo, il-qagħda finanzjarja tal-appellant ma baqgħetx iżjed sostenibbli.

F'dan l-isfond, l-appellant jagħmel referenza wkoll għal dak deċiż mill- Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Publius Said** fejn gie ritenut illi:

> "*L-iskop tal-legislatur meta introduċa din il-kontravvenzjoni fil- Kodiči Kriminali fl-1983 kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi tagħhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi għandhom dejjem jigu osservati skrupolożament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi.*"

Jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss dina l- Onorabbli Qorti jgħoġobha tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha u kwindi l-appellant jispiċċa inkarcerat, tkun il-parte-civile stess li tiġi pprivata milli tirċievi l-manteniment u għalhekk l-iskop originali ta' din id-disposizzjoni legali certament ma jkunx qiegħed jintlaħaq.

Di piu, fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Anthony Azzopardi**, deċiża nhar is-26 ta' Settembru 2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali gie ritenut li in vista ta' dak deċiż fis-sentenza **'Il-Pulizija v. Publius Said**, il-Qorti rriformat is-sentenza appellata,

rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar prigunerija u minflok kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda fl-ammont ta' €58.23, liema somma tiġi kkonvertita f'hamest (5) ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.

Fl-ahhar nett, ghandha wkoll ssir referenza ghas-sentenza **'Il-Pulizija v. Jonathan Attard** datata 26 ta' Mejju 2016, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali iddeċidiet illi:

> *għalkemm l-ewwel Qorti gustament għaddiet sabiex tinfliggi piena karċerarja, madanakollu minħabba li l-appellant qiegħed ihallas dak dovut minnu huwa bil-wisq evidenti illi jekk l-appellant jispiċċa inkarċerat u għalhekk mingħajr introjtu, l-parti leża ser tiġi ipprivata milli tirċievi l-manteniment lilha dovut u għalhekk is- sanzjonijiet tal-ligi ma ikunux qed jilhqu l-effett mixtieq. Għalhekk indubbjament f' dan il-każ hemm lok ghal temperament fil-piena.*"

Ghalhekk, fid-dawl tal-premess kollu, I-appellant jemmen bis-shih li piena karċerja ma hix waħda idoneja fiċ-ċirkostanzi stante li b'dan il- mod il-qaghda finanzjarja tiegħu ser tkompli taggrava ruhha bil- konsegwenza li l-parte-civile ser iddum iżjed ma tithallas.

**B.2. Ir-Reat Kontinwat**

L-appellant, kontestwalment ma' dan l-umli rikors ta' appell, qieghed jippreżenta wkoll tliet (3) rikorsi ta' appell ohra li kollha kemm huma jikkonċernaw il-ksur tal-istess kontravvenzjoni ossia dik kontemplata fl- artikoli 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'dana illi l-uniku differenza hija d-dati meta l-appellant kkommetta tali kontravvenzjoni.

Di fatti, filwaqt li l-appell odjern limitatament jikkoncerna xhur specifici il-bqija tal-kawżi li lkoll kemm huma ġew deċiżi mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-istess jum

kontestwalment ma' din il-kawża, rispettivament jikkonċernaw ksur tal-artikolu 338(z) għal xi xhur differenti.

Minkejja li tali reati jikkonċernaw il-ksur tal-istess disposizzjoni tal-ligi f'diversi xhur differenti, il-Prosekuzzjoni iddecidiet li tistitwixxi erba' (4) kawżi separati fil-konfront tal-appellant u dana minflok sempliċiment inkorporat l-infrazzjonijiet kollha f'kawża wahda u dana bil-konsegwenza li ppreskludietu mill-benefiċċju tal-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li testwalment jistipula:

> *"18. Meta d-diversi atti magħmulin mill-hati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi."*

Fid-dawl tas-suespost, l-appellant jagħmel referenza għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminalis nhar it-3 ta' Novembru 1995 fil-kawża fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Joseph Galea'** fejn il-Qorti rriteniet illi:

> *"...jekk il-Prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bhala reat kontinwat u gabithom kollha fl-istess kawża bħala reat kontinwat, il-Qorti neċessarjament trid tagħti sentenza separata f'kull każ ossia għal kull infrazzjoni jew ghall- infrazzjonijiet migjuba f'dik il-kawża. Jista' jagħti l-każ li l- prosekuzzjoni jkollha d-dubbji tagħha jekk hemmx ir- "risoluzzjoni wahda" kkontemplata fl-artikolu 18. Jista' jagħti l-każ ukoll li l- prosekuzzjoni f'dan il-każ, il-Pulizija Eżekuttiva, tkun agixxiet tempestivament u mal-ewwel infrazzjoni ressqet lil dak li jkun; f'dan il-każ wiehed ma jistax jippretendi li l-Pulizija għandha toqgħod tistenna biex tara jekk il-persuna li tkun ma tikkommettix reat iehor in forza tar-risoluzzjoni*

*waħda li tkun precedentement iffurmat biex b'hekk fl-aħħar tressqu akkużat bl-infrazzjonijiet kollha bħala reat kontinwat. Mill-banda l-oħra l-Pulizija m'għandhiex tispezzetta d-diversi atti f'diversi kawżi."* (sottolinear tal-appellant).

Għalkemm l-appellant jifhem u japprezza li dina l-Onorabbli Qorti qua Qorti tal-Appell ma għandhiex is-setgħa li tordna li l-erba' (4) proċessi u/jew sentenzi gia mogħtija jiġu inkorporati fi proċess jew f'sentenza waħda, madanakollu, fuq skorta ta' tagħlim gurisprudenzjali in materja, f'ċirkostanzi fejn il-ġudikant jidhirlu li diversi infrazzjonijiet f'kawżi separati kellhom jiġu maqgħuda mill-Prosekuzzjoni u konsegwentament trattati bħala reat kontinwat f'kawża unika, il-Qorti għandha tieħu dan in konsiderazzjoni ai fini ta' kalibrar tal-piena.

Di fatti, fis-sentenza supra citata, ossia dik fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Joseph Galea'</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali saħħqet illi:

*"L-uniku rimedju li tipprospetta l-liġi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke 1-Qorti ta' Prim' Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawżi separati kellhom jiġu ttrattati bħala reat kontinwat fkawża waħda, il-Qorti għandha timmodera u tadegwa l-piena għaċ-ċirkostanzi."*

F'dan l-isfond, l-appellant ma jistax ma jagħmilx ukoll referenza għas- sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju 2009 fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Carmelo Innorcia</u>**', fejn il-Qorti, rinfaccjata b'sitwazzjoni simili, wara li rat li kien iktar xieraq li kieku l-appellant f'dawk il-proċeduri tressaq f'kawża waħda fuq reati li huwa kkommetta fuq medda ta' xahrejn, ddeċidiet bil-mod segwenti:

*"Fil-każ odjern din il-Qorti hi tal-fehma li kien ikun opportun li l-appellant jitressaq fkawża waħda fuq ir-reati ta' Settembru kif ukoll dawk ta' Ottubru u għalhekk huwa ġust li jkun hemm ftit moderazzjoni fil-piena.*

*Tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal prigunerija għal perijodu ta' erba' snin u minflok tikkundannah għal prigunerija għal perijodu ta' tliet snin u tliet xhur u tikkonfermaha fil-bqija."* [sottolinejar tal-appellant].

Kwindi, stante li dan l-appell flimkien mat-tlieta (3) l-oħra li ser jigu ntavolati miegħu jikkonċernaw ksur tal-istess kontravvenzjoni fuq medda ta' xhur differenti, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-appellant gie arbitrarjament prekluż mill-Prosekuzzjoni milli jibbenefika minn dak dispost fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija l-umli fehma tiegħu li l-piena fuqu nflitta ghandha tiġi varjata sabiex tirrifletti ċ- ċirkostanzi li jsawwru l-każ odjern.

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u dan fis-seduta tal-10 ta' April 2025.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant isemmi diversi ċirkostanzi ta' fatt sabiex jispjega għaliex fiż-żmien relevanti ma kienx f'pożizzjoni li jħallas il-manteniment Ordnat mill ewwel Qorti iżda ta' dawn iċ-ċirkostanzi ma nġiebet ebda prova u għalhekk din il-Qorti ma tistax teħodhom in kunsiderazzjoni għall finijiet tal-piena.

Fil kors tal-proċeduri quddiemha, iżda, fis-seduta ta- 10 ta' April 2025 ġie verbalizzat kif ġej:

*"Deher Dr Jacob Magri.*

*Deher ukoll Dr Mario Mifsud ghal parte civile.*

*Dr Mifsud jiddikjara li fil-mori ta dan l-appel l-appellant hallas dak kollu dovut lil parte civile u l-aprte civle m'ghandxghandha interess f'dawn il-proceduri.*

*l-appe qed jigi differit ghas-sentenza ghad-29 ta' April 2025."*

Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom fir-rigward il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' prigunerija ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal- liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li ssitwazzjoni ta' bejn l- appellant u l-parte civile ġiet definittivament riżolta,u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali.

B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl- isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u l-parte civile marte jiġu riżolti bonarjament waqt li fil -frattemp l-parte civile u ulied il-kontendenti u jibqgħu bla ħlas ta'manteniment.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' prigunerija imposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta'pagament ta' rata ta' manteniment jikkostitwixxi reat separat u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm mhux anqas minn hames nuqqasijiet ta' pagament u cioe' Jannar 2023, Frar 2023, Marzu 2023, April 2023 u Mejju 2023.

Għall motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal imputat appellant Adrian Lia Psaila billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill istess appellant għal ġimgħatejn prigunerija u minflok tikkundannah għall hlas ta' ammenda komplessiva fl-ammont ta' mitejn euro (€200) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill imputat Adrian Lia Psaila jħallas l- ammenda imposta fuqu b'din is-sentenza ratealment bir- rata ta' għoxrin euro (€20) fix-xahar,bl-ewwel rata pagabbli llum, b'dan li fin-nuqqas ta' pagament anki ta' rata mensili waħda l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih.

**Dr.Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**